MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru. 11/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Sandro Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Sandro Spiteri ta’ 30 sena, imwieled Pieta fl-24 ta’ Frar 1977, bin Joseph u Mary nee Buttigieg, residenti “Earl’s Crt”, Triq tal-Hamrija, Marsaxkala u detentur tal-karta ta’ l-Identita numru 145577 (M)..

Akkuzat talli fit-12 ta’ Mejju 2008 u matul it-tliet xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 28 ta' Lulju 2004, kif ukoll ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 28 ta' Lulju 2004.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, ghalkemm irid jinghad li mill-istqarrija[1] jirrizulta illi huwa inqabad *red-handed* mill-pulizija, u li mil-fedina penali tieghu jirrizulta li instab hati sitt darbiet ta' diversi reati, tnejn minnhom fuq pussess semplici ta' droga.

L-imputat diga inghata diversi opportunitajiet minn din il-Qorti, diversament preseduta, biex jirriforma ruhu. Fil-fatt huwa inghata il-liberta kondizzjonata fi tlett okkazzjonijiet, u ordni ta' probation f'zewg okkazjonijiet ohra. Fl-ahhar okkazzjoni li instab hati ta' reat, cioe fit-28 ta' Lulju 2004

[1] Ezebita bhala Dok JF a fol. 11 tal-process.

din il-Qorti, diversament preseduta, ikkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin, u poggietu taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu kollu ta' erba' snin sabiex fi kliem il-magistrat li ippresjeda din il-Qorti*"bl-isperanza li l-imputat jitqieghed fit-triq it-tajba u jgib ruhu ta' cittadin civili fis-socjeta li taghha jifforma parti."*

Sfortunatament jirrizulta li minkejja dawn l-isforzi u l-opportinitajiet kollha, l-imputat ma tghallem xejn, tant li xaharejn qabel skada l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, l-imputat ikkommetta ir-reati li bihom gie akkuzat fil-kawza odjerna, u li taghhom ammetta li hu hati. Anzi, ghalkemm fit-tahrika tal-pulizija gie akkuzat li ikkommetta dawn ir-reati *"fit-12 ta' Mejju 2008 u fit-tlett xhur ta' qabel din id-data"*, fl-istqarrija tieghu l-imputat jammetti li huwa kien rega' beda jiehu d-droga regolarment mill-2004 – cioe prattikament matul il-perjodu kollu tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza u ta' l-ordni ta' supervizjoni. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat inghata opportunitajiet bizzejjed biex jirriforma ruhu, u li apparti milli jinghata piena ghar-reati li taghhom instab hati fil-kawza odjerna u li taghhom ammetta li hu hati, is-sentenza sospiza li kienet inghatatlu fl-2004 ghandha tigi reza operattiva.

In vista tal-fatt li mill-atti ma' jirrizultax li f'dan il-kaz gew inkorsi spejjez ghal hatra ta' esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-imputat ihallas tali spejjez.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar 2011, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi

konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn habs sospizi ghal erba' (4) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-28 ta' Lulju 2004 tigi reza operattiva, u b'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu ta' sentejn (2) prigunerija, apparti l-hlas tal-multa fuq imposta.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga u ta' l-affarijiet relatati maghha ezebiti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------